MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 684/2004

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited (C2521)**

**Vs**

**Diamond Global Company Limited (C26813)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' elf, sitt mija, u sebgha Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1,607.37) rapprezentanti prezz ta' inbid u xorb lis-socjeta konvenuta mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 16 ta' Gunju 2004, tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju 2004 u l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2504/04 prezentat fid-29 ta' Novembru 2004, u bl-imghax legali mid-data tal-

konsenja sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fil-21 ta' Gunju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1607.37,0 bl-imghax legali mill-14 ta’ Lulju 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkusi dawk tal-ittra legali tas-16 ta’ Gunju 2004, ta’ dik ufficjali tal-14 ta’ Lulju 2004 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru numru 2504/04 presentat fid-29 ta’ Novembru 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------